MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Joseph Cutajar
vs
Kmandant Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju, 1995, u b’mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta’ bejn l-1987 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjoni diversi drabi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa kien ilu jahdem mal-Forzi Armati ta’ Malta ghal dawn l-ahhar 26 sena u bhalissa qieghed jokkupa l-grad ta’ Bumbardier. Huwa dahal jahdem fl-1971 bhala rekluta u wara tlett xhur sar Gunner. Fl-1981 huwa sar Lance Bombardier u fl-1982 sar Bombardier u baqa’ hekk sal-gurnata ta’ llum.

Bhala kwalifiki huwa ghandu A1 Lathe Operator, u A3 Veh/Mech. Ghandu ukoll 1st Class Education in English, Maltese u Maths, 2nd Class Map Reading. L-Armata kienet baghtitu kors u gab certifikat tal-Fire fighting.

Fl-1988 kienu hargu l-promotions ghal surgent u huwa gie maqbus minn hafna juniors tieghu. Meta mar ghand Major Sansone li kien ghamel il-lista tal-promotions u staqsieh ghaliex ma sarx surgent, ir-risposta kienet ghax kien hareg minn mohhu. Huwa kien weghdu li promotion list ohra kien ser ikun fiha.

Fl-1991 tawh l-appointment ta' B.Q.M.S, biex ikun jista' jiffirma ghal xi ordnijiet li jkun ghamel. Il-B.Q.M.S ittik sahha fil-firma daqs ta' B S M. Fl-1992 regghu hargu l-promotions ghal surgent u huwa rega' gie maqbuZ. Din id-darba Major Sansone kien poggieh l-ewwel fuq il-lista izda sakemm hargu l-promotions il-Maggur Sansone kien spicca mill-Army u ha over il-Maggur Cutajar. Il-Maggur Cutajar qatta' l-lista u rega' ghamel lista ohra u lilu hallieh barra avolja ghamel hafna juniors tieghu. Meta mar ikellem lis-Sur Cutajar ir-risposta kienet li mhux hu qalghu mil-lista izda kienu qalghuh minn Hal-Luqa.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.
Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-grad ta' Surgent bis-sehh mill-1992, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lill-intimat huwa inammissibbli peress li m'huwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-Artikolu 7(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi, ibda biex, il-kwalifiki tar-rikorrent fiz-zmien li hu qed jallega li saret ingustizzja mieghu ma kienux ezattament dawk li qed isemmi fir-rikors tieghu izda kienu inqas minn dawn. Ghaldaqstant fiz-zmien imsemmi wiehed ma setax jikkunsidra l-kapacitajiet tar-rikorrent fuq il-kwalifiki li ghandu llum. Barra minn hekk il-kors li qed jalludi ghalih ir-rikorrent fil-fire fighting kien sar f'Marzu tal-1996 u ghaldaqstant ma jistax ir-rikorrent juzah bhala xi kwalifika li kellu fiz-zmien li qieghed in kwistjoni.

Illi fir-rigward tal-appointment li r-rikorrent qed jallega li nghata fil-1991 cioe` dik ta' BQMS, ir-rikorrent ghamel premessa totalment skorretta u infondata meta ddikjara li l-BQMS ittik is-sahha fil-firma daqs ta' BSM, cioe` BSM ifisser Battery Sargeant Major jew equivalenti fir-rank ta' Warrant Officer. Dan huwa rank u appointment ferm ghola minn dik ta' BQMS.

Illi jirrizulta li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u dawk b'effett mill-20 ta' Jannar 1992, ghalkemm ir-rikorrent kien ipprevalixxa ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, fiz-zewg okkazjonijiet ma jirrizultax li r-rikorrent kien talab biex iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien. Anzi jidher li r-rikorrent kien ikkuntenta bir-risposta li tah l-ufficjal kmandant tieghu.

Illi fuq kollox jidher li dawk li gew promossi b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u li kienu junior tar-rikorrent kienu ikkwalifikati aktar minnu u hlief ghal tnejn, kollha kellhom data tas-seniority bhal tar-rikorrent. Di piu` dawk li gew promossi b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 u li kienu junior

tar-rikorrent kienu ikkwalifikati aktar minnu u kellhom data tas-seniority bhal tar-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe, l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi jirrizulta li fis-7 ta' Ottubru 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni preliminari li r-rikors huwa inammissibbli ghax mhux akkumpanjat mill-lista tax-xhieda.

Xehed <u>ir-rikorrent</u> u semma li kellu rakkomandazzjonijiet mill-Maggur Sansone biex jiehu l-promozzjoni. Semma li kien hemm nies li ma kellhomx kwalifiki bhalu u xorta hadu l-promozzjoni u sostna li hu nqabez minn nies juniors tieghu.
Xehed <u>Lt. Col. Sansone</u> llum irtirat li qal li r-rikorrent kien jahdem mieghu. Semma li r-rikorrent kien jahdem fl-

electrical and mechanical engineering. Biex bniedem jiehu l-promozzjoni kienu jridu jigu kunsidrati seniority, kwalifiki, recommendation, vacancy u efficiency. Biex issir Surgent irid ikollok A2 Certificate of Education u li r-rikorrent ma kellux ghalkemm possibbilment kien hemm min ha l-promotion ghalkemm ma kellux tali kwalifiki.

Xehed Captain Mark Chircop li fl-1988 kien intbaghat l-EME Company fejn kien jahdem ir-rikorrent u kien in charge mill-workshop. Fahhar lir-rikorrent bhala bniedem biezel, edukat u ssibu ghal kollox.

Xehed Lt. Col. Edmond Cutajar li kien dahal wara Lt. Col. Sansone li semma li lir-rikorrent kien nizzlu l-ghaxra fuq il-lista tar-rakkomandazzjonijiet.

Xehed il-Brigadier Maurice Calleja li semma li dak iz-zmien biex tikkwalifika ried ikollok Second Class Education.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li pprezenta lista tal-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1992.

**KONKLUZJONIJIET:**
Meta wiehed jezamina l-iskeda riferibbli ghall-promozzjonijiet b' effett mill-11 ta' Mejju 1988 wiehed isib li r-rikorrent gie maqbuz minn tliet persuni u cioe` Aloysius Fenech li bhala Education kellu Class 1 u Trades Clerk B1, u l-Cadre Course C; minn Edward Abdilla li wkoll kellu Education Class 1, Clerk B2, STM (T) B3 u Cadre Course B; kif ukoll minn Joseph Sant li kellu Class 2 Education, FTR(P) A1 u VM A1 u Cadre Course D. Ir-rikorrent bhala Army Certificate Of Education kellu Class 3, bhal trades TNR A2 u VM A2 u ma kellux Cadre Course. Minn dan jirrizulta car li min qabez lir-rikorrent kien aktar kwalifikat minnu u jinghad ukoll li bhala date of sub-rank tal-erbgha li huma hija 31/3/82 u s-seniority tieghu tezisti biss minhabba s-service counts from li fil-kaz tieghu huwa 1971 waqt li tat-tlieta l-ohra huwa 1976. Ghal dawn il-motivi jichad l-ilment tar-rikorrent dwar promozzjonijiet tal-1988.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 minn Bumbardier ghal Surgent juniors tar-rikorrent li saru Surgenti huma hamsa u cioe` Bumbardiera Fabri, Micallef, Mizzi, St. John u Cassar. Filwaqt li r-rikorrent kellu Army Certificate of Education 3, erbgha mill-ohrajn kellhom 1 u Cassar 2. Bhala trades huma komparabbli ghalkemm hemm min ghandu anqas mir-rikorrent. Hawn ukoll fil-fehma tat-Tribunal ma hemmx provi sufficjenti li saret ingustizzja minhabba li bhala kwalifiki min qabez lir-rikorrent kellu kwalifiki superjuri u ghaldaqstant l-ingustizzja kif definita fil-Kap. 394 ma tirrizultax.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------